# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

# IMĦALLEF
# ONOR. JOSEPH AZZOPARDI LL.D.

## Illum l-Erbgħa, 26 ta' April 2017

**Kawża Nru: 10**

**Rikors Ġuramentat Nru: 755 / 12 JA**

**Id-Direttur, Qrati Ċivili u Tribunali bħala Reġistratur, Qrati u Tribunali Ċivili**

**-vs-**

**Robert Cassar**

## Il-Qorti,

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat mill-attur fit-30 ta' Lulju 2012 fejn ġie premess:

Illi permezz ta' digriet tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) datat 4 ta' Novembru 2009, il-Qorti kienet ordnat lill-intimat Robert Cassar, sabiex iħallas lil martu Jael Cassar (I.D. 153376M) bħala manteniment għal kull wild minuri reġistrat fuq ismu, is-somma mensili ta' €164, kif ukoll is-somma mensili ta' €187 għal żmien ta' sitt xhur biss bħala

manteniment għal Jael Cassar. *Di piu*, f'dan l-istess digriet, din l-Onorabbli Qorti ordnat li l-intimat jħallas ir-rati fuq il-*Home Loan* relattiva għad-dar matrimonjali, inkluż l-arretrati.

Illi, l-intimat injora l-ordni tal-Qorti tal-4 ta' Novembru 2009 u naqas milli jħallas ir-rati fuq il-*Home Loan* relattiva għad-dar matrimonjali, inkluż l-arretrati kif ordnat mill-Qorti.

Illi, permezz ta' digriet ieħor ta' din l-Onorabbli Qorti datat 17 ta' Diċembru 2010, il-Qorti estendiet l-effetti tad-digriet preċitat, fir-rigward tal-manteniment ta' Jael Cassar, għal perjodu ta' sena. F'dan l-istess digriet, din l-Onorabbli Qorti avżat lill-intimat li f'każ li r-rati tal-*home loan* ma jitħallsux minnu, ser jittieħdu passi għal disprezz, apparti milli tiġi kkonsidrata serjament il-possibbilta' li l-manteniment għal martu jiżdied sabiex ikopri dan il-*loan*.

Illi minkejja dan id-digriet, l-intimat għal darb' oħra mar kontra l-ordni ta' din l-Onorabbli Qorti.

Illi permezz ta' Digriet iehor tad-29 ta' April 2011 din l-Onorabbli Qorti ordnat li jittieħdu proċeduri ta' disprezz kontra l-intimat a kura tar-Reġistratur tal-Qorti l-attur odjern.

Illi għalhekk in adempiment ma' dik l-ordni qed isir dan ir-rikors ġuramentat.

Għaldaqstant in vista tas-suespost, jgħid l-intimat għaliex m'għandiex din l-Onorabbli Qorti, prevja kull dikjarazzjoni neċessarja u opportuna illi:

1. Issib lill-intimat ħati ta' disprezz kontra l-awtorita' tagħha *ai termini* tal-artikolu 997 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Tikkundanna lill-intimat għall-pieni ndikati fl-istess artikolu u tikkundannah għall-priġunerija għal żmien sa xahar jew għal

multa ta'mhux inqas minn mitejn u tlieta u tletin Ewro (€233) u mhux aktar minn elfejn tlett mija u tletin Ewro (€2,330) jew għall-multa u priġunerijia flimkien;

3. Timponi kwalunkwe ordni oħra meħtieġa fuq l-intimat *ai termini* tal-artikolu 997 sub-artikolu (2) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta nkluż billi tiffissa żmien perentorju sakemm dawn l-istess ordnijiet għandhom jiġu sodisfatti mill-intimat;

Bl-ispejjeż kollha kontra l-intimat li hu minn issa nġunt għas-subizzjoni, u bir-riserva ta' kull dritt ta' azzjoni ulterjuri skond il-liġi.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-attur u l-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-intimat ippreżentata fit-13 ta' Novembru 2012 fejn eċċepixxa:

1. Illi preliminarjament l-azzjoni attriċi waqgħet bi preskrizzjoni peress illi għaddew aktar minn sentejn minn meta ngħata d-digriet li bih ġie ordnat iħallas ir-rati tal-*"home loan"* u l-arretrati u li fuqu l-attur qiegħed isejjes it-talbiet tiegħu u għal raġunijiet oħra li ser jirriżultaw ampjament matul it-trattazzjoni tal-kawża;

2. Illi preliminarjament ukoll u mingħajr preġudizzju għall-premess, l-inkompetenza *rationae materiae* ta' dina l-Onorabbli Qorti billi d-digriet li fuqu l-attur qiegħed isejjes it-talbiet tiegħu mhuwiex digriet mogħti minn dina l-Onorabbli Qorti u għalhekk dina l-Onorabbli Qorti ma tista' qatt tilqa' t-talbiet attriċi fejn qiegħed jintalab li l-esponenti jinstab ħati ta' disprezz kontra l-awtorita' ta' din il-Qorti;

3. Illi preliminarjament ukoll u mingħajr preġudizzju għas-suespost, f'kull każ it-talbiet ta' l-attur huma ġuridikament improponibbli billi persuna li tiġi ordnata jew ikkundannata tħallas ammont ta' flus ossija twettaq obbligazzjoni *di pagare* – fil-każ odjern, l-

esponenti ordnat iħallas ir-rati tal-*"home loan"* u l-arretrati – u tonqos milli tagħmel tali ħlas ma tkunx qiegħda tisfida u jew tiddisprezza l-awtorita' tal-Qorti. Mod ieħor, ikun qiegħed jiġi ritenut illi kull min jiġi ordnat iħallas jew ikkundannat debitur u ma jħallasx jew ma jkunx jista' jħallas fi żmien jumejn minn meta tingħata ordni definittiva fil-konfront tiegħu, dan ikun ħati ta' disprezz lejn l-awtorita' tal-Qorti, jiġi mmultat u anke arrestat;

4. Illi ukoll mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-ordnijiet għall-ħlas ta' flus, ossija l-obbligazzjoni *di pagare* jistgħu jiġu esegwiti b'mandati ta' sekwestru, qbid, irkant taħt l-awtorita' tal-Qorti, u issa anke bil-mandat in proċintu, jekk ikun il-każ, u ma hemmx lok tal-ebda proċeduri għal disprezz f'każ ta' nuqqas ta' pagament. Jekk jiġi ritenut mod ieħor, ikun ifisser li min huwa debiltur ikkundannat u ma jħallasx jista' jiġi kkundannat għall-priġunerija;

5. Illi fil-mertu, l-esponenti ma kkommetta l-ebda disprezz lejn l-awtorita' ta' dina l-Onorabbli Qorti billi, fost raġunijiet oħra:

   i. fl-ewwel lok, meta l-esponenti ma ħallasx ir-rati tal-*"home loan"* u l-arretrati dan għamlu għaliex huwa ma kien f'pożizzjoni illi jħallas b'mod partikolari minħabba l-fatt illi martu Jael Cassar – li stigat dawn il-proċeduri ssekwestratlu kollox, anke l-paga, b'tali mod illi paga beda jaqbad biss ċirka seba' mitt Ewro (€700) fix-xahar. Minn dan l-ammont, l-esponenti jkollu jħallas is-somma ta' ħames mija u ħmistax-il Ewro (€515) kull xahar bħala manteniment. Ir-rati tal-*"home loan"* kienu ta' sitt mija u għoxrin Ewro (€ 620) fix-xahar. Kjarament l-esponenti kien fl-impossibbilta li jħallas;

   ii. fit-tieni lok, meta l-esponenti sab il-bejgħ tad-dar matrimonjali sabiex ikun jista' jitħallas il-*"home loan"* u l-arretrati, martu Jael Cassar opponiet il-bejgħ u ma ffirmatx.

Sallum-il ġurnata, l-esponenti għadu f'negozjati ma' terza persuna illi hija interessata takkwista l-fond b'dan illi pero' l-bejgħ għadu ma jistax isir billi martu għadha ma tridx tiffirma b'mod kapriċċjuż u abbużiv għall-aħħar;

iii. fit-tielet lok, meta l-esponenti kellu għad-dispożizzjoni somma flus, dina ntużat sabiex il-*"home loan"* u l-arretrati jitħallsu kif ser jirriżulta ampjament matul it-trattazzjoni tal-kawża;

iv. fir-raba' lok, l-esponenti fiehem lill-kumpanija bankarja konċernata l-pożizzjoni tiegħu in vista taċ-ċirkostanzi hawn fuq spjegati, li bdiet proċeduri għall-kanonizzazzjoni tad-dejn, iżda wara l-għoti tas-sentenza għadha ma pproċedietx ulterjorment sabiex titħallas;

6. Illi fil-mertu, l-esponenti ma kkommetta l-ebda disprezz lejn l-awtorita' ta' dina l-Onorabbli Qorti billi ma kenitx dina l-Onorabbli Qorti li tat id-digriet li fuqu l-attur qiegħed isejjes it-talbiet tiegħu;

7. Illi fil-mertu wkoll, l-esponenti ma kkommetta l-ebda disprezz lejn l-awtorita' ta' dina l-Onorabbli Qorti billi huwa ma kellu l-ebda intenzjoni u jew fehma illi jisfida jew jiddisprezza 'l-awtorita' tal-Qorti u dan għar-raġunijiet ġja' esposti u għal raġunijiet oħra li ser jirriżultaw matul it-trattazzjoni ta' dina l-kawża;

8. Salv tweġiba ulterjuri jekk ikun il-każ;

Bl-ispejjeż kontra l-attur illi huwa minn issa stess inġunt in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-intimat u l-lista tax-xhieda.

Rat il-verbali tal-kawża kif ukoll l-*affidavits* u depożizzjonijiet;

Rat il-verbal tas-seduta tat-8 ta' Frar 2017 li permezz tiegħu l-kawża tħalliet għas-sentenza għas-26 ta' April 2017;

**FATTI FIL-QOSOR**

Illi permezz ta' digriet tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) datat 4 ta' Novembru 2009 (Dok 'J6' fol 27), il-Qorti kienet ordnat lill-intimat, Robert Cassar, sabiex iħallas lil Jael Cassar (bħala manteniment għal kull wild minuri reġistrat fuq ismu) is-somma mensili ta' €164, kif ukoll is-somma mensili ta' €187 għal żmien ta' sitt xhur biss bħala manteniment għal Jael Cassar. *Inoltre*, il-Qorti ordnat lill-intimat iħallas ir-rati fuq *Home Loan* relattiva għad-dar matrimonjali, inkluż l-arretrati.

Illi permezz ta' digriet ieħor datat 17 ta' Diċembru 2010 (Dok 'J9' fol 40), il-Qorti *"testendi l-effetti tad-digriet preċetat għal perjodu ta' sena biss millum; u fil-każ li r-rati tal-home loan ma jithallsux mill-intimat, jittiehdu passi għal disprezz, apparti milli tiġi kunsidrata serjament il-possibbilta' li l-manteniment għar-rikorrenti jiżdied biex ikopri dan il-loan."*

Illi sussegwentement, permezz ta' digriet ieħor tad-29 ta' April 2011 (Dok 'J10' fol 41) *inter alia* l-Qorti ddekretat kif ġej:

*"3) Tilqa' t-tielet talba u tordna li jittieħdu passi għad-disprezz kontra l-intimat a kura tar-Reġistratur tal-Qorti."*

Illi in adempiment ta' din l-ordni tal-Qorti r-rikorrent, id-Direttur Qrati Ċivili u Tribunali beda l-proċeduri odjerni.

Illi l-intimat qed jikkontesta dawn il-proċeduri.

**PROVI**

Illi l-attur, id-Direttur, Qrati Ċivili u Tribunali esebixxa: it-tlett (3) Digrieti tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) mertu tal-kawża (Dok

'A' sa 'C' fol 4 sa 6); kopja tal-*istatement of earnings* ta' Robert Cassar kif maħruġ mill-Maltco Lotteries Ltd. għall-perjodu sal-31 ta' Diċembru 2008, għall-perjodu sal-31 ta' Diċembru 2009 u għall-perjodu bejn l-1 ta' Jannar 2010 u s-17 ta' Jannar 2010 (Dok 'D1' sa 'D3' fol 7-9); l-affidavit ta' Jael Cassar (fol 13) u xehdet fis-seduta tal-15 ta' Mejju 2013 (fol 74); xehdet Josianne Gauci (fol 77).

Illi in sostenn tat-teżi tiegħu l-intimat inġunġa lil Dr Alexia Aquilina (fol 88) li ppreżentat dokument (Dok 'AA1' fol 85); xehdet Claire Sevasta (fol 139) li esebiet dokument (Dok 'CS1' fol 93); u Rosette Scicluna (fol 140) li esebiet dokument (Dok 'RS1').

Illi *inoltre* permezz ta' nota (fol 142) l-intimat esebixxa l-*affidavit* tiegħu (fol 144) flimkien ma' sensiela ta' dokumenti elenkati fl-istess nota. Sussegwentement, permezz ta' nota ppreżentata fl-4 ta' Frar 2015 esebixxa kopji ta' tlett (3) ċedoli ta' depozitu.

Xehed ukoll Jonathan Lia (fol 558) prodott mill-intimat li esebixxa żewġ dokumenti (Dok 'JL1' fol 534 u Dok 'JL2' fol 553).

**KUNSIDERAZZJONIJIET**

Illi din hija kawża ta' disprezz għall-awtorita' tal-Qorti skont l-artikolu 997 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, li jipprovdi s-segwenti:

*"997. (1) illi fi proċedimenti istitwiti għal xi att jew ommissjoni li tammonta għal disprezz lejn l-awtorità tal-Qorti, il-ħati jista', mal-kundanna, jiġi kkundannat għal priġunerija għal żmien sa xahar jew għal multa ta' mhux inqas minn mitejn u tnejn u tletin Ewro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94) iżda mhux iktar minn elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin Ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) jew għall-multa u l-priġunerija flimkien.*

*(2) Il-Qorti tista', ukoll jekk tkun tat xi piena lil min jagħmel ir-reat, tordnalu t-tneħħija ta' kull diżordni jew inkonvenjent li bih ikun sar ir-reat fi żmien biżżejjed għal dan il-għan iżda f'ebda każ iktar minn tliet xhur mid-data tas-sentenza, li tiġi stabbilita mill-Qorti; u jekk min jagħmel ir-reat jonqos milli jħares xi ordni bħal dak fiż-żmien hekk stabbilit, hu jeħel penali ta' ammenda ta' mhux inqas minn tlieta u għoxrin Ewro u disgħa u għoxrin ċenteżmu (€23.29) u mhux iktar minn mija u sittax-il Ewro u sebgħa u erbgħin ċenteżmu (€116.47) kif il-Qorti tistabbilixxi, għal kull ġurnata li matulha jkompli n-nuqqas wara li jgħaddi ż-żmien imsemmi."*

Illi dwar l-ewwel eċċezzjoni intimata, dik tal-preskrizzjoni, jingħad illi fil-fatt l-aħħar digriet tal-Qorti huwa datat 29 ta' April 2011 (Dok 'J10' fol 41) fejn *inter alia* l-Qorti ddekretat kif gej, *"3) Tilqa' t-tielet talba u tordna li jittiehdu passi għad-disprezz kontra l-intimat a kura tar-Reġistratur tal-Qorti"* u l-proċeduri odjerni ġew mibdija fit-30 ta' Lulju 2012. Għaldaqstant *ictu oculi* din l-eċċezzjoni ma treġġix.

Illi dwar it-tieni eċċezzjoni intimata tal-inkompetenza *rationae materiae* fis-sens li, *"... d-digriet li fuqu l-attur qiegħed isejjes it-talbiet tiegħu mhuwiex digriet mogħti minn dina l-Onorabbli Qorti u għalhek dina l-Onorabbli Qorti ma tista' qatt tilqa' t-talbiet attriċi fejn qiegħed jintalab li l-esponenti jinsab ħati ta' disprezz kontra l-awtorita' ta' din il-Qorti."* Jingħad illi din il-Qorti għandha ġurisdizzjoni ġenerali f'kawzi ta' natura ċivili u għaldaqstant l-eċċezzjoni mressqa mill-intimat ma treġġix.

Illi dwar l-eċċezzjoni l-oħra intimata bbażata fuq il-fatt illi *"it-talbiet tal-attur huma ġuridikament improponibbli... fil-każ odjern, l-esponenti ordnat iħallas ir-rati tal-'home loan' u l-arretrati u tonqos milli tagħmel tali ħlas ma tkunx qiegħda tisfida u jew tiddisprezza l-awtorita' tal-Qorti"* u *inoltre* l-istess intimat

jeċċepixxi illi hemm rimedji oħra bħal mandati u mhux lok ta' disprezz.

Illi din il-Qorti ser tgħaddi biex teżamina n-natura tal-azzjoni in deżamina, u ċjoe' kawża ta' disprezz lejn l-awtorita' tal-Qorti. Illi kif intqal fis-sentenza fl-ismijiet **"Reġistratur tal-Qrati Superjuri vs Kristinu Giordmaina"** (25 ta' Settembru 2003 – JRM) deciza minn din il-Qorti diversament preseduta:

*"Il-proċedura ta' disprezz għandha natura partikolari. Hija maħsuba biex tħares ir-rispett li għandu jinġieb lill-Qorti. Waħda mis-setgħat ewlenin ta' kull Qorti hija li tagħti ordnijiet lil xi ħadd, kemm jekk biex il-persuna tagħmel xi ħaġa jew biex dik il-persuna ma tagħmilx xi ħaġa …… Kif jgħallem* ***Lord Denning****, 'This kind of contempt has the characteristics which are common to all contempts of Court. It is a criminal offence. It must be proved beyond reasonable doubt. (In* ***re Bramblevale Limited*** *– 1970).*

*Illi minbarra dan xilja ta' disprezz iġġib magħha l-ħtiega li tiġi ppruvat, minn min qiegħed jixli, il-fehma tal-persuna mixlija li tisfida l-ordni tal-Qorti u b'konsegwenza ta' hekk l-awtorita' tagħha. Illi madankollu din l-intenzjoni ma tiddependix minn jekk il-persuna mixlija tqisx l-ordni mogħti lilha bħala wieħed korrett jew le; is-siwi ta' dik l-ordni, sakemm ma jitħassarx b'ordni ieħor tal-Qorti nnifisha jew ta' Qorti oħra, huwa raġuni oġġettiva li torbot lill-mixli li joqgħod għaliha, jaqbel jew ma jaqbilx magħha. Hekk stabbilew il-Qrati tagħna, ukoll fejn wara rriżulta li l-ordni tal-Qorti kien wieħed null u bla siwi. (Appell Ċivili,* ***"Edward Camilleri vs Carmelo Vella"*** *7 ta' Ottubru 1997)."*

Illi r-rikorrent għalhekk fil-kawża m'għandu xejn x'jirbaħ għajr li jiżgura li tiġi mħarsa l-amministrazzjoni tal-ġustizzja – **"Il-Qorti vs Camilleri"** Vol. LXXIV-iii-546.

Illi skont l-*affidavit* ta' Jael Cassar dawn il-proċeduri ta' disprezz huma ġustifikati *stante* (fol 19) illi kif ingħad:

*"Jien tlabt li jittieħdu passi għad-disprezz minħabba dan l-aġir abbusiv tiegħu li per konsegwenza espona lili għall-proċeduri eżekuttivi mill-Bank kif ukoll għall-perikolu ta' subbasta fuq id-dar matrimonjali tiegħi u ta' wliedi."*

Illi mill-banda l-oħra, bħala ġustifikazzjoni għall-aġir tiegħu l-intimat jissolleva s-segwenti fir-risposta maħlufa tiegħu (fol 65):

*"(i) Fl-ewwel lok, meta l-esponenti ma ħallasx ir-rati tal-'home loan' u l-arretrati dan għamlu għaliex huma ma kienx f'pożizzjoni illi jħallas b'mod partikolari minħabba l-fatt illi martu Jael Cassar – li istigat dawn il-proċeduri – issekwestratlu kollox, anke l-paga, b'tali mod illi paga beda jaqbad biss circa seba' mitt Ewro (€700) fix-xahar. Minn dan l-ammont, l-esponenti jkollu jhallas is-somma ta' ħames mija u ħmistax-il Ewro (€515) kull xahar bħala manteniment. Ir-rati tal-'home loan' kienu ta' sitt mija u għoxrin Ewro (€620) fix-xahar. Kjarament l-esponenti kien fl-impossibbilta' li jħallas;*

*(ii). Fit-tieni lok, meta l-esponenti sab il-bejgħ tad-dar matrimonjali sabiex ikun jista' jitħallas il-'home loan' u l-arretrati, martu Jael Cassar opponiet il-bejgħ u ma ffirmatx. Sallum-il ġurnata, l-esponenti għadu f'negozjati ma' terza persuna illi hija interessata takkwista l-fond b'dan illi pero' l-bejgħ għadu ma jistax isir billi martu għadha ma tridx tiffirma b'mod kapriċċjuż u abbużiv għall-aħħar.*

*(iii). Fit-tieni lok, meta l-esponenti kellu għad-dispożizzjoni somma flus, dina ntużat sabiex il-'home loan' u l-arretrati jitħallsu kif ser jirriżulta ampjament matur it-trattazzjoni tal-kawża;*

*(iv). Fir-raba' lok, l-esponenti ftiehem lill-kumpannija bankarja konċernata l-pożizzjoni tiegħu in vista taċ-ċirkostanzi hawn fuq spjegati, li bdiet proċeduri għall-kanonizżazzjoni tad-dejn iżda wara l-għoti tas-sentenza għadha ma pproċedietx ulterjorment sabiex titħallas;"*

Illi permezz ta' nota (fol 436) datata 4 ta' Frar 2015 l-intimat esebixxa ċedoli ta' depożitu u rikorsi ta' żbank relattivi. Illi skont wieħed mill-istess rikors ta' żbank magħmula mill-APS Bank (fol 457) ingħad: *"Illi permezz ta' sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Ċivili fl-ismijiet "APS Bank Ltd vs Robert Cassar u martu Jael Cassar" (Rik Gur numru: 336/2011) mogħtija fit-22 ta' Novembru 2011, ir-rikorrent APS Bank Ltd ġie kanonizżat kreditur eżekuttiv tal-intimati, in solidum bejniethom, fis-somma ta' mija u dsatax-il elf u tlett mija u tmienja u ħamsin Ewro u dsatax-il ċenteżmu (€119,358.19), oltre l-ispejjeż u drittijiet ġudizzjarji u l-interessi ulterjuri b'effett mill-1 ta' Jannar 2011 sad-data tal-pagament effettiv.*" Jirriżulta illi l-ammont dovut lill-istess bank tnaqqsu sostanzjalment bħala effett ta' dawn l-iżbanki, per eżempju skont il-Formola ta' Żbank esebita a fol 528 l-APS Bank Limited żbanka l-ammont ta' ħamsa u sebgħin elf Ewro (€75,000).

Illi dawn il-proċeduri ta' disprezz huma l-effett ta' proċeduri kumbattuti oħrajn direttament relatati quddiem il-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) bejn l-intimat, Robert Cassar u Jael Cassar. Il-pern tal-pendenza odjerna huwa n-nuqqas ta' ħarsien ta' diversi ordnijiet tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) da parti tal-intimat. Din il-Qorti tosserva illi l-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) tat diversi opportunitajiet lill-intimat sabiex jissana l-pożizzjoni tiegħu, iżda dan xorta waħda baqa' inadempjenti. Kif ġie ribadit diversi drabi mill-Qrati nostrana – għandha dejjem tiġi mħarsa l-amministrazzjoni tal-ġustizzja u s-sentenzi u digrieti tal-Qorti għandhom jiġu obduti. Jirriżulta mill-provi, illi fil-proċeduri quddiem il-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) nharġu diversi mandati

li skont l-intimat impeduh milli jħallas kif ordnat. Da parti tagħha, Jael Cassar bl-aġir tagħha stultifikat bejgħ ta' proprjetajiet li setgħa jtejjeb is-sitwazzjoni finanzjarja. Bħala stat ta' fatt l-ammont dovut fuq id-dar matrimonjali tnaqqas sostanzjalment minn flejjes spettanti lill-intimat, Robert Cassar. Dan ma jfissirx illi l-obbligi tal-intimat waqfu hemm għaliex l-ordni tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) hija ċara u sakemm dan id-dejn jixxejjen l-intimat marbut bil-liġi u b'ordni tal-Qorti li jħallas u jaqta' d-dejn kompletament. Jirriżulta' pero' li fil-mori tal-kawża l-fond matrimonjali nbiegħ u infatti Jael Cassar ma baqgħetx turi interess aktar fil-kawża peress li jidher li t-talbiet tagħha ġew sodisfatti. Għalhekk il-Qorti se tieħu dan in konsiderazzjoni fis-sentenza tagħha.

## DEĊIŻJONI

**Għaldaqstant il-Qorti *stante* illi ssib it-talbiet ġustifikati, tiddeċiedi l-kawża billi tilqa' t-talbiet kollha tar-rikorrent u tordna lill-intimat iħallas multa ta' €234 flimkien ma' l-ispejjeż tal-kawża.**

**Moqrija.**

**Onor. Joseph Azzopardi LL.D.**
**Imħallef**

**Mario Debono**
**Deputat Reġistratur**